Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 493 / 2016

Il-Pulizja

Spettur Josric Mifsud

Vs

Alison Cini

Illum 27 ta' April, 2017,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta Alison Cini detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 413087 M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fl-14 ta' Lulju 2016 ghall-habta tas- 14:O0hrs xi mkien f' dawn il-Gzejjer:

1. Permezz ta' network jew apparat tal-komunikazzjonijiet elettronici heddet li taghmel xi reat, jew bil-hsieb li tiehu xi flus jew xi haga ohra, jew sabiex taghmel xi gwadann jew bil-hsieb li ggieghel lil Rita Cilia taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga jew heddet li takkuza jew li taghmel ilment kontra taghha jew sabiex timmalafama lil Rita Cilia jew lil xi persuni ohra jew gharnlet uzu minnu mhux xieraq.

2. Akkuzata wkoll talli fl-istess cirkostanzi insulentat, heddet jew ingurjat bi kliem jew b' mod iehor lil Rita Cilia.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex minbarra l-piena li jidhrilha xierqa tapplika l-provediment tal-Art 383 tal-Kap 9 u dan ghas-sigurta' ta' Rita Cilia.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-20 t' Ottubru, 2016, fejn il-Qorti ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 49 (a) u (c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijet ta' Malta u artikolu 252 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, iddikjarat lill-imputata hatja taz-zewg imputazzjonijiet dedotti fil-konfront taghha u ikkundannata ghall-hlas ta' mitejn ewro ( € 200 ) multa u ai termini tal-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali rabtet lil Alison Cini b' obbligazzjoni taghha nnifisha taht penali ta' elf ewro ( € 1000 ) ghal zmien sena mill-llum u dan skond il-kundizzjonijiet fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li jaghmel parti integrali minnha.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanta Alison Cini, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-28 ta' Ottubru, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti Qorti joghgobha:

1. Tirrevoka s-sentenza appellata u cioe dik tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Alison Cini u dana billi tiddikjara illi l-esponenti appellanta mhux hatja mis-sentenza appellata, u konsegwentament tillibera lill-appellanta minn kull piena u htija skont il-ligi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanta esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanta Alison Cini huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

1. Illi l-appellanta tissottometti li fl-akkuza m' hemmx indikazzjoni tal-Artikoli tal-ligi li fuqhom huma bbazati l-akkuzi u ghalhekk qatt ma tista tinstab hatja ta' akkuzi li ma jirrizultawx mill-ligi u li huma konfuzi u fuq kollox ma jinkwadraw xejn mal-fatti partikolari tai-kaz odjern.

2. Illi bid-dovut rispett lejn l-Onor. Qorti tal-Magistrati, ma kienx hemm bizejjed provi fuqhiex l-appellanta tinstab hatja stante li ma ngabietx dik il-prova bazilari u cioe, il-prova dwar jekk tal-anqas, l-allegat telefonata verament sehhitx. Wiehed jistenna li f' kaz fejn ghandek zewg verzjonijiet kontrastanti, il-prosekuzzjoni ggib imqar rapprezentant tal-kumpanijja tat-telekomonikazzjoni koncernata sabiex tipprezenta call profile jew call log. Illi huwa perikoluz li persuna jkollha l-fakolta' li tmur go ghassa tal-pulizija u tghid li sefghat maghjjra waqt telefonata li hija stess ghamlet lill-persuna ohra u li l-Onor. Qorti tal-Magistrati tistrieh fuq din il-verzjoni minghajr ma mqar issir verifika jekk tali telefonata verament sehhitx. Illi l-ligi tesigi li tingieb l-ahjar prova, u f' kaz fejn hemm zewg partijiet li ilhom bit-tiketta, certament li x-xhiedha taghhom m' hijiex l-aqwa prova. Illi izjed minn hekk, huwa surreali li persuna ccempel fuq il-mobile ta' haddiehor, imbad wara li tkun instigat argument, tmur taghmel rapport fl-ghassa tal-Pulizija u tghid li giet mheddha. Illi bl-umilta' l-appellanta tghid li dan johloq lok ghall-abbuz u mhux gustifikat li wiehed irid jipprova l-innocenza tieghu billi jghid li ma tkellimx zejjed fuq it-telefon (waqt telefonata li huwa stess ircieva) ghaliex din hija prova li kwazi qatt ma jista' jgib, naturalment sakemm tali telefonata ma tkunx gietx rekordjata.

3. Illi fix-xhieda taghha, Rita Cilia ghamlet referenza ghall-proceduri ohra mhux relatati mal-kaz odjern, izda bejn l-istess partijiet, u quddiem Qorti ohra. Illi m' huwiex car jekk l-Onor. Qorti tal-Magistrati haditx konjizzjoni ta' dan id-dettal, biss, f' kull kaz, din l-evidenza ma

tistax tkun ammissibli stante li biex jigi ppruvat fatt ta' din ix-xorti, trid tingieb kopja legali tas-sentenza u f' kaz li l-prooeduri kriminali quddiem Qorti ohra ghadhom ghaddejjin, l-appellanta ghadha prezunta innocenti.

4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fuq il-mertu, m' huwiex kontestat li l-allegata telefonata ma saritx mill-appellanta, izda kienet hi stess li giet skomodata. Illi mhux kontestat li fl-ebda hin ma kien hemm komunikazzjoni diretta bejn l-allegat vittma u l-appellanta u dan skond ix-xhiedha taghha stess. Illi l-istess Rita Cilia stqarret b' mod mill-aktar car li l-appellanta ma tkellmitx maghha izda semghata titkellem waqt konversazzjoni li kienet ghadejja bejn l-appellanta u s-sieheb ta' Rita Cilia. Illi l-istess Rita Cilia tghid li fehmet precizament it-theddid li allegatament sar fil-konfront taghha. L-appellanta umilment tissottometti li din l-istqarrija hija kemmxejn difficli li titwemmen stante li xi min daqqiet bil-kemm tisma' ma min tkun qed titkellem b' mod dirett, abseb w' ara kemm tisma l-konverzazzjoni ta' terza persuna li qieghda fuq in-naha l-ohra tal-linja. Illi fuq kollox, bla pregudizzju ghas-suespost, jekk dan l-episodju sehh tassew, bl-ammissjoni tal-istess Rita Cilia, l-appellanta fl-ebda mument ma giet indirizzata b' mod dirett b' dan li hi qatt ma setghat tisfa' vittma ta' theddid.

Ikkunsidrat,

Illi dan huwa appell imressaq mill-appellanti fejn fl-impunjattiva minnha imqanqla hija tissolleva l-pregudizzjali dwar in-nullita tal-akkuza formulata kontra taghha u dan billi ma hemmx indikazzjoni fic-citazzjoni tal-artikoli tal-ligi li fuqhom huma ibbazati l-akkuzi. Tishaq ghalhekk li ma tista' qatt tinstab htija ghall-akkuzi li ma jirrizultawx mil-ligi u li huma konfuzi. Dan apparti l-lanjanza l-ohra sollevata dwar l-apprezzament zbaljat tal-provi maghmul mill-Ewwel Qorti.

Issa minn daqqa ta' ghajn lejn ic-citazzjoni mahruga mill-Pulizija Ezekuttiva kontra l-appellanti huwa indubitat illi r-reati li dwarhom hija kienet qed tigi mixlija kienu dawk mahsuba fl-artikolu 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta u imbaghad l-akkuza kontravvenzjonali li tinsab riflessa fl-artikolu 399(1)(e) tal-Kodici Kriminali dwar it-theddid. Illi l-artikolu 360(2) jispecifika car u tond dak li ghandu jkun fiha ic-citazzjoni meta jinghad:

***"ċ-ċitazzjoni għandha ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikularitajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Għandu jkun fiha wkoll it-twissija li, jekk il-persuna mħarrka tonqos li tidher, hija tiġi arrestata b'mandat tal-qorti u mressqa quddiem l-istess qorti fil-jum li jkun imsemmi fil-mandat."***

Minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-ligi allura ghandu johrog illi ma huwiex mehtieg illi jigu indikati id-disposizzjonijiet tal-ligi li minnhom johrog ir-reat indikat fl-akkuza. "*L-imputazzjonijiet ma hemmx ghalfejn ikunu redatti fil-kliem testwali tal-ligi. L-uzu tal-kliem teswali tal-ligi hu mehtieg biss fil-kaz ta'l-Att ta'l-Akkuza migjub mill-Avukat Generali quddiem il-Qorti Kriminali. Fil-kaz tac-citazzjoni mahruga mill-Pulizija Ezekuttiva, din tirrikjedi biss li jkun fiha <u>il-fatti</u> ta'l-akkuza u dan bl-istess mod bhalma meta tinqara l-akkuza fil-qorti mill-prosekuzzjoni din l-akkuza jehtieg li jkun fiha <u>il-fatt</u> tar-reat (art.374(i)(l) u art.375(c)). Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b'mod car ir-reat li tieghu il-persuna tkun qed tigi imputata, minghajr il-htiega ta' tigbid ta' kliem jew immaginazzjoni, jigifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghal liema reat jew reati jrid iwiegeb.*"[1] Fuq kollox gie dejjem ritenut illi "*ic-citazzjoni hi semplici 'avviso a comparire' li pero irid ikollha d-dettalji msemmija fl-artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali, u dan sabiex*

[1] App.Inf. Il-Pulizija vs Mario Agius deciza 03/02/1995

*l-imputat ikun jaf x'fatt jew fatti qed jigu imputati lilu u b'hekk ikun jista jiddefendi ruhhu."*[2]

Illi maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet ta' dritt huwa evidenti illi l-appellanti ma ghandiex ragun f'din il-pregudizzjali minnha intentata. Dan ghaliex il-kliem adoperat fl-ewwel zewg imputazzjonijiet riflettu l-kliem adoperat fil-ligi ghaz-zewg reati mahsubin fl-artikoli 49 tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 399(1)(e) tal-Kodici Kriminali. Maghdud dan, madanakollu jirrizulta illi l-Ewwel Qorti ghal xi ragun sabet htija taht l-artikolu 252(1) tal-Kodici Kriminali li jitkellem dwar l-ingurja delittwali meta jirrizulta illi f'dan il-kaz inghad kliem ta' theddid u mhux ingurjuz. Dan necessarjament iwassal ghan-nullita parzjali tad-decizjoni impunjata u dan meta ir-rekwiziti stabbiliti fl-artikolu 382 tal-Kapitolu 9 ma gewx rispettati meta hemm stipulat illi s-sentenza: *"ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena <u>u ssemmi l-artikolu ta' dan il-kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat</u>".*

Premess dan allura,

***"ghalkemm ma hemm ebda aggravju dwar dan fir-rikors tal-appell, din il-Qorti "ex officio" ma tistax thalli dan l-izball ghaddej qiesu ma kien xejn u - tikkonferma, tvarja jew tirrevoka sentenza appellata li tkun nulla ghax ticcita Kapitolu tal-ligi (*****f'dan il-kaz addirittura id-disposizzjoni espressa tal-ligi*****) zbaljat bi ksur ta' dak li jiddisponi l-artikolu 382 tal-Kap. 9. Dan l-izball jammonta ghal nuqqas ta' formalita' sostanzjali li jwassal ghan-nullita' tas-sentenza appellata w l-Qorti tal-Appell ghandha tannulla w thassar dik is-sentenza w tisma l-kawza mill-gdid fil-mertu. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Joseph Muscat" [10.6.94] , "Il-Pulizija vs. Anthony Zahra " [26.5.94]; "Il-Pulizija vs. Charles Micallef" [23.6.1995] u ohrajn.)"*[3]**

[2] App.Inf. Il-Puliija vs Francis Farrugia deciza 15/03/1996
[3] Il-Pulizija vs Christopher Scerri App. Inf. 01/11/2007.

Sorvolat dina l-lanjanza proceduralI billi din il-Qorti diga kellha okkazzjoni tisma l-provi mill-gdid hija ser tghaddi biex tannulla d-decizjoni impunjata limitatament kwantu jirrigwarda id-dikjarazzjoni ta' htija ghat-tieni imputazzjoni u ghalhekk ser tghaddi biex tiddeciedi mill-gdid l-kaz rigwardanti dan ir-reat filwaqt li tikkonsidra l-lanjanzi mressqa mill-appellanti rigwardanti ir-reita' ghall-ewwel imputazzjoni.

Illi fl-ewwel lanjanza minnha intentata marbuta mas-sejbien ta' htija ghall-ewwel imputazzjoni dwar ir-reat mahsub fil-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, l-appellanti tilmenta illi l-Prosekuzzjoni naqqset milli tressaq il-prova regina dwar jekk l-allegata telefonata verament sehhitx u dan billi jitressqu bhala xhieda s-*service providers* li jistghu jikkonfermaw o meno l-ezistenza ta' dina t-telefonata li wasslet ghall-imputazzjonijiet odjerni. Issa ghalkemm huwa minnu illi tali prova ma tressqitx mill-Prosekuzzjoni, madanakollu l-Qorti xortawahda setghet tasal ghal konkluzjoni illi din it-telefonata sehhet prorpju ghaliex kien sieheb il-parti leza stess li cempel lill-appellanti u dan jinsab ikkonfermat kemm mix-xhieda tal-parti leza stess li kienet prezenti meta sehhet din it-telefonata kif ukoll mis-sieheb taghha Ronald Attard. Jidher illi Attard u l-appellanti f'xi zmien kellhom relazzjoni li minnha twieled tifel. Kien proprju in konnessjoni ma' dan il-wild komuni li sehhet din it-telefonata minn Attard lil Cini. Jidher izda li bejn dawn it-tnejn minn nies jezisti xi atrit tant illi kien diga sehh xi konfrontazzjoni bejniethom li wasslu ghal proceduri l-Qorti. Attard stess jikkonferma illi huwa cempel lil Cini fl-14 ta' Lulju 2016 ghal habta tas-saghtejn ta' wara nofs in-nhar. Dan huwa ikkonfermat mill-parti leza. Illi l-Ewwel Qorti fid-diskrezzjoni fdata lilha bil-ligi, ghazlet li taghti affidabilita' lil verzjoni moghtija mill-parti leza u is-sieheb taghha liema xhieda giet ikkontro-ezaminata kemm f'dak l-istadju kif ukoll f'dan l-istadju ta' revizjoni meta dawn iz-zewg xhieda iddeponew quddiem din il-Qorti. Illi ghalhekk din il-Qorti ma tara l-ebda mottiv 'il ghala hija ma ghandhiex taghti affidabilita' lil dawn iz-zewg xhieda. Fil-fatt iktar 'il quddiem fl-istess aggravvju l-appellanti stess tiddikjara illi hija mhijiex qed

tikkontesta li sehhet din it-telefonata u alulra din il-Qorti ma tarax illi ghandha ghalfejn tiddilunga aktar fuq dan l-aggravvju.

Issa mill-provi jirrizulta illi filwaqt li l-appellanti kienet qed tkellem lil Attard f'din it-telefonata hija qalet kliem ta' theddid diretti lejn l-parti leza, liema kliem ghalhekk ma intqalx *di visu*, izda lil terza persuna ghalkemm l-parti leza tghid li kienet vicin Attard u semghet lill-appellanti tghid dan il-kliem minn fuq it-telefown. Kemm Attard kif ukoll Rita Cilia ighidu illi l-appellanti qalet il-kliem " ghid lil dik li jekk nerga' insibha nifqalghha ghajnejha," u dan b'referenza ghall-istess Cilia.

Illi "*fil-kuntest ta` l-artikolu 339(1) (e) tal-Kodici Kriminali, theddida tfisser li l-agent jipprospetta lill-persuna ohra hsara ingusta fil-futur (liema hsara ma tkunx tammonta ghal reat iehor ikkontemplat band'ohra fil-Kodici), liema hsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta` ta` l-istess agent.*"

Huwa indubitat illi l-kliem dirett lejn il-parti leza kien kliem li kien qed jipprospetta hsara futura, kliem li kellu tifsira iktar sinjifikanti ghall-parti leza billi jidher illi kien diga sehh incident bejnha u l-appellanti. Illi ghalkemm dan il-kliem ta' theddid ma inghadx direttament lill-parti leza, madanakollu mill-provi jirrizulta illi l-appellanti kienet taf ben tajjeb illi Cilia kienet hdejn Attard meta kienet qed tghid dan id-diskors u allura kienet taf ben tajjeb illi din ta'l-ahhar kienet ser tismaghha, kif fil-fatt ghamlet. Kwindi anke dina t-tieni imputazzjoni tirrizulta ippruvata bhal kif tirrizulta allura, kif gustament ikkonkludiet l-Ewwel Qorti l-ewwel imputazzjoni.

Illi dwar il-piena inflitta, il-Qorti ma tarax illi ghandu ikun hemm varjazzjoni fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti u dan b'applikazzjoni ta'l-artikolu 17(d) u (h) tal-Kodici Kriminali.

Ghaldaqstant il-Qorti filwaqt li tghaddi biex tannulla in parte d-decizjoni impunjata u dan fejn instabet htija ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 252(1)

tal-Kodici Kriminali, tghaddi biex tichad l-aggravvji kollha marbuta mal-ewwel imputazzjoni u tikkonferma s-sentenza impunjata fir-rigward, issib lill-appellanti hatja tat-tieni imputazjoni u dan wara li rat l-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, u wara li rat ukoll l-artikoli 17(d) u (h) tal-Kodici Kriminali tikkonferma l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti bit-terminu indikat ai termini ta'l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali jibda jiddekorri mil-lum.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur